**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 543/2018 AF**

**Mario Mifsud**

**vs**

**Maged Fawzy Shokry Iskandar**

**u**

**Karas Company Limited (C-63986)**

**u**

**The Ava Karas Company Limited (C-79073) ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Mario Mifsud, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti hadem u pprovda diversi servizzi fost l-ohrajn izda mhux biss servizzi ta' xoghol tal-elettriku lill-intimati.

Ir-rikorrenti hareg diversi invoices lill-intimati tax-xoghol li sarilhom, izda sal-gurnata tal-lum ghadhom ma gewx imhallsa.

Ghalhekk l-intimati jew min minnhom, ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tletin elf mija u ghaxar Ewro (€30,110.00c).

Minkejja li r-rikorrenti interpella diversi drabi lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont dovut, huma baqghu inadempjenti u ghaldaqstant l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, mija u ghaxar Ewro (€30,110.00c).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati in solidum bejniethom jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf, mija u ghaxar Ewro (€30,110.00c).

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom, jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tletin elf, mija u ghaxar Ewro (€30,110.00c).

Bl-ispejjez kollha nklux dawk tal-ittra ufficcjali numru 1157/2018 u l-imghaxijiet kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti Maged Fawzy Shokry Iskandar u Karas Company Limited u The Ava Karas Company Limited, li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament u fl-ewwel lok, ir-rikorrenti veru pprovda diversi servizzi xogholijiet – fosthom xoghol tal-elettriku lill-esponenti Maged Fawzy Shokry Iskandar ghan-nom ta' Karas Company Limited, però qatt ma pprovda xi forma ta' servizzi lil The Ava Karas Company Limited.

Ir-rikorrenti kien hareg numru ta' invoices lill-intimati tax-xoghol li kien sarilhom, u li hafna minnhom dawn gew imhallsa minkejja li l-ircevuta fiskali baqghet qatt ma nharget, u dan ukoll minkejja li r-rikorrent gie interpellat jaghmel dan diversi drabi.

Huwa minnu li r-rikorrent ghad baqghalu jiehu s-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) minghand is-socjetà Karas Company Limited, però tali pagament baqa' ma sarx minhabba diversi ragunijiet, fosthom u mhux biss minhabba li ghad ma ntbaghtux l-ircevuti fiskali.

Ir-rikorrenti gie diversi drabi interpellat sabex jghaddi dawn l-ircevuti u dan sabiex jkun jista' jigi rkuprat l-VAT u jithallas il-bilanc dovut ta' madwar sebat elef Ewro (€7,000).

Konsegwentement it-talbiet attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ghaldaqstant, fir-rigward tat-tielet u r-raba' talbiet dawn ukoll ghandhom jigu michuda stante li mhux minnu li l-bilanc dovut huwa dak rikjamat.

Konsegwentement it-talbiet kollha attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti jew min minnhom.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-eccezzjonijiet qeghdin jigu hawnhekk imressqin lkoll minghajr pregudizzju ghal xuxlin.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal ħlas ta' xogħolijiet esegwiti. L-attur jikkontendi li għandu jieħu mingħand il-konvenuti jew min minnhom is-somma komplessiva ta' €30,110 għax-xogħol li esegwixxa fl-istabbilimenti ossia ħwienet tal-konvenuti kif ukoll fir-residenza privata tal-konvenut.

Mill-provi prodotti jirriżulta mhux kontestat illi l-attur esegwixxa diversi xogħolijiet ta' *finishing* fuq talba tal-konvenut. L-attur kien jinkariga wkoll lil terzi għal ċertu xogħol u jħallashom hu. Dawn ix-xogħolijiet ġew esegwiti f'numru ta' ħwienet ġestiti mill-konvenut u/jew mill-kumpanniji tiegħu kif ukoll fir-residenza privata tal-konvenut.

L-attur jikkontendi li l-konvenut kien jgħaddilu pagamenti minn żmien għall-ieħor iżda l-kont beda jakkumula aktar ma kien qed isir xogħol u l-konvenut beda jħallas inqas minflok aktar. Skont l-attur, huwa għadu ma tħallasx għax-xogħol li esegwixxa f'numru ta' ħwienet kif ukoll fir-residenza privata tal-konvenut. L-attur ippreżenta kopja ta' *statement* tal-kont tal-konvenut kif ukoll rendikont dettaljiat tax-xogħolijiet illi għamel.

Jirriżulta wkoll li nhar it-2 ta' Ġunju 2017, il-partijiet kienu marru għand in-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi sabiex jiffirmaw skrittura fejn il-konvenut kellu jiddikjara li huwa debitur tal-attur fis-somma ta' €31,860 u kif ukoll sabiex titniżżel il-modalità tal-ħlas. Dakinhar, il-konvenut ma riedx jiffirma l-abbozz li rrediġiet in-Nutar għaliex ried li qabel jiffirma jitkellem mal-avukat tiegħu. Il-konvenut baqa' qatt ma ffirma din l-iskrittura.

In linea preliminari, l-konvenuti jeċċepixxu li l-attur qatt ma ppresta xi servizzi lis-soċjetà konvenuta The Ava Karas Company Limited. Il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni għandha mis-sewwa in kwantu li l-attur stess fl-affidavit tiegħu jiddikjara li huwa

esegwixxa xogħol għall-konvenut u għas-soċjetà Karas Company Limited, rappreżentata mill-istess konvenut.

Il-fatt illi Ava Caras Company Limited għandha l-indirizz reġistrat tagħha fuq wieħed mill-ħwienet fejn esegwixxa x-xogħolijiet l-attur ma jfissirx illi din is-soċjetà awtomatikament għandha toqgħod bħala konvenut f'din il-kawża.  Mill-provi ma tirriżulta l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u dik il-kumpannija u fil-fatt, il-fatturi tal-attur jindikaw li x-xogħolijiet saru għall-konvenuti l-oħra.

The Ava Karas Company Limited għalhekk għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-mertu, il-konvenuti jeċċepixxu li l-attur għad baqghalu jieħu biss €7,000 mingħandhom u li l-attur ma kienx joħroġ riċevuti fiskali għall-pagamenti li l-konvenut kien jgħaddilu.  Ikomplu billi jeċċepixxu li fil-fatt huwa għalhekk illi dan l-aħħar pagament ta' €7,000 għadu ma sarx.

Din il-kawza tistrieħ fuq il-kredibiltà tal-partijiet u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom.  Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawż̇a fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-ħajja, verosimili.  Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat baz̄iku ta' azzjoni c̄ivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.  Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriż̄ulta mingħajr ma tħalli dubju rag̃jonevoli.  Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista'*

*tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*".

Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verzjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanc ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti għall-konvinciment tal-gudikant (Farrugia vs Farrugia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-konvenut la hija kredibbli u lanqas verosimili.

Il-verżjoni tal-attur dwar il-ftehim li kienu laħqu l-partijiet quddiem in-Nutar hija korroborata min-Nutar stess illi xehdet permezz ta' affidavit. F'dan l-affidavit hija spjegat kif il-partijiet kienu marru għandha bl-intenzjoni li jiffirmaw ftehim dwar il-flus illi l-konvenut kellu jagħti lill-attur u li hija abbozzat ftehim quddiemhom abbażi ta' dak li kienu qed jaqblu quddiemha dak il-ħin, inkluż iċ-ċifri. Filwaqt illi kkonfermat illi l-konvenut ma riedx jiffirma dakinhar għaliex xtaq parir mingħand l-avukat tiegħu, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-verżjoni tan-Nutar illi dwar l-ammont dovut kien hemm qbil bejn il-partijiet.

Il-konvenut jikkontendi li għandu jagħti biss is-somma ta' €7,000 lill-attur. Madanakollu, huwa ma spjegax kif wasal għal din iċ-ċifra u lanqas għalfejn ma ddepożitax il-flus taħt l-awtorità tal-Qorti kif kien imissu għamel li kieku l-kwistjoni kienet biss dwar ir-riċevuti fiskali. L-oneru tal-prova tal-pagamenti hija kollha fuq il-konvenut u dan in konformità mal-prinċipju li min jallega għandu l-oneru tal-prova. Anke kieku l-attur ma riedx itih riċevuta fiskali, il-konvenut seta' mqar talab lill-attur jiffirmalu fuq il-fatturi bħala prova li ħallas. Mhuwiex verosimili li l-konvenut, bniedem fin-negozju, kien sejjer ma jinsistix li jingħata xi tip ta' riċevuta bħala prova ta' dak li kien ħallas fi flus kontanti. Lanqas ma huwa verosimili li huwa qatt ma ra fatturi.

Fuq kollox, il-verżjoni tal-konvenut dwar ir-riċevuti fiskali mhijiex sostnuta mill-provi stante li l-attur esebixxa kopja ta' numri ta' riċevuti fiskali li kien ħareġ f'isem il-konvenut u anke fatturi. Naturalment, l-attur mhux ser joħroġ riċevuti fiskali għall-pagamenti li ma sarux.

Finalment, filwaqt li ġew esebiti kopji ta' *statements* tal-bank li juru meta u kemm ħallas il-konvenut permezz ta' *bank transfer*, jirriżulta li mis-sena 2017 'l quddiem, il-pagamenti bdew jonqsu sakemm waqfu kompletament. Il-konvenut esebixxa wkoll kopja ta' numru kbir ta' ċekkijiet li l-ebda wieħed minnhom m'hu f'isem l-attur. Din il-Qorti terga ttenni li kien jispetta lill-konvenut jipprova li dawn iċ-ċekkijiet fil-fatt għaddihom lill-attur bħala ħlas għax-xogħolijiet esegwiti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tillibera lis-soċjetà konvenuta The Ava Karas Company Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar u Karas Company Limited, bl-imgħax mill-1 ta' Ġunju 2018 u ċioè minn dakinhar illi l-konvenuti ġew notifikati bir-rikors maħluf tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti Maged Fawzy Shokry Iskandar u Karas Company Limited.

IMHALLEF

DEP/REG